**Reġjun Għawdex**

Laqgħa Nru 54/2015

**Minuti tat-erbgħa u ħamsin laqgħa tal-Kumitat Reġjonali Għawdex li saret fis-Sala tal-Kunsill Lokali Rabat – Città Victoria nhar l-Erbgħa 30 ta' Diċembru 2015 fis-6.30 p.m.**

Il-Laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti:

| *Kunsill Lokali* | *Rappreżentant* | *Parteċipazzjoni* | *Membru Sostitut* | *Parteċipazzjoni* |
|---|---|---|---|---|
| Fontana | Sur Saviour Borg | Preżenti | Sur Victor Cefai | - |
| Għajnsielem | Sur Franco Ciangura | Skużat | Sur Kevin Cauchi | Skużat |
| Għarb | Sur David Apap Agius | Indispost | Srna Carmen Vella | Assenti |
| Għasri | Dr Daniel Attard | Assenti | Sur Emanuel Mintoff | Assenti |
| Ta' Kercem | Sur Mario Azzopardi | Preżenti | Sur Paul Mizzi | - |
| Il-Munxar | Sra Carmena Said | Skużata | Sur Robert Mallia | Assenti |
| In-Nadur | Sur Edward Said | Indispost | Sur Eucharist Camilleri | Indispost |
| Il-Qala | Perit Clint Camilleri | Assenti | Sur Jesmond Borg | Preżenti |
| Rabat Citta' Victoria | Dr Samuel Azzopardi (President) | Preżenti | Sur Josef Schembri | - |
| San Lawrenz | Sur Noel Formosa (Viċi-President) | Skużat | Sur Anthony Formosa | Skużat |
| Ta' Sannat | Sur Philip Vella | Preżenti | Sra Frances Galea | - |
| Ix-Xagħra | Sur Joseph Cordina | Preżenti | Sur Aaron Agius | - |
| Ix-Xewkija | Sur Paul Azzopardi | Preżenti | Sur Domenic Zerafa | - |
| Iż-Żebbuġ | Sur Nicky Saliba | Preżenti | Mr Daniel Cordina | - |
| Segretarju Eżekuttiv | Sur George Refalo | Preżenti | - | - |

**Qari, konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa preċedenti**

Intqalgħet it-talba tal-bidu.

Il-President Dr Samuel Azzopardi fetaħ il-laqgħa billi feraħ *in absentia* lis-Sur David Apap Agius u lis-Sur George Refalo talli saru missirijiet għat-tieni darba u l-ewwel darba rispettivament bit-twelid ta' tarbija tifla t-tnejn li huma, kif ukoll bl-għoti tal-kondoljanzi lis-Sur George Refalo ukoll għat-telfa tal-għażiża ommu Georgia li mietet nhar it-Tnejn 2 ta' Novembru 2015.

Wara dan il-mument, inqraw il-minuti tal-53 Laqgħa u ġew approvati unanimanent.

**Punti imqajima mill-Minuti**

Il-President Dr Samuel Azzopardi, stieden lill-membri preżenti sabiex iqajjmu xi punti mill-Minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu għadhom kif inqraw sabiex tkompli d-diskussjoni dwarhom.

Peress li ma kienx hemm punti imqajjma mill-membri preżenti, is-Segretarju Eżekuttiv irrimarka li l-uniku informazzjoni ġdida li kien hemm kienet biss dik li tirrigwardja l-laqgħa li saret fuq talba li r-Reġjun Għawdex kien għamel lill-Kummissarju tal-Artijiet rigward il-possibiltà li jinstabu *premises* adegwati li jistgħu iservu ta' Uffiċċju tar-Reġjun, fejn infurmahom li fil-laqgħa li kienet saret apposta nhar il-5 ta' Novembru 2015 ġewwa l-uffiċċju tagħhom li jinsab ġewwa l-bini tal-Ministeru għal Għawdex, fi Pjazza San Franġisk, kif ukoll mis-sussegwenti korrispondenza li r-Reġjun kien irċieva, ir-Reġjun kien qiegħed jiġi mitlub sabiex jidentifika l-lok propost għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissarju tal-Artijiet.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmahom li peress li kien hemm diga qbil fuq il-lok identifikat mir-Reġjun fil-laqgħa preċedenti, hu kien diga' kiteb lill-Kummissarju tal-Artijiet fejn indikalu li l-lok maqbul hu dak li kien iservi ta' ħanut tal-Arloġġar fi Pjazza Indipendenza – It-Tokk, Rabat, Għawdex u li kien qiegħed jitlob l-approvazzjoni tagħhom sabiex jinforma b'din id-deċiżjoni lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

Wara diskussjoni interessanti, ir-Reġjun Għawdex approva li f'dan l-istadju għandha tintalab l-approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex il-proċess ta' devoluzzjoni jkun jista' jinbeda allavolja għad ma hemmx risposta definittiva mill-Kummissarju tal-Artijiet f'dan ir-rigward.

Wara l-approvazzjoni mill-membri kollha preżenti, il-laqgħa tkompliet skont l-Aġenda maqbula.

**Preżentazzjoni tal-*Management Report* għas-sena 2014**

Is-Segretaju Eżekuttiv informa lill-membri preżenti li fil-ġranet li għaddew ir-Reġjun kien irċieva l-*Management Report* għas-sena 2014.

Wara l-qari tar-Rapport, is-Segetarju Eżekuttiv ippreżenta l-istess rapport għall-kunsiderazzjoni tal-membri preżenti.

Wara diskussjoni pjuttost twila, ir-Reġjun talab lis-Segretarju sabiex jirrispondi dak ir-rapport għalkemm ma kienx hu s-Segretarju tar-Reġjun fl-2014, kif ukoll sabiex ikun diliġenti ħalli n-nuqqasijiet elenkati fir-rapport kemm jista' jkun ma jirrepetux ruħhom din is-sena, filwaqt li ġie preċiżat ukoll li l-istess Segretarju kien ġie maħtur f'Mejju 2015 u li ma kienx intalab *mid-term audit* mat-tluq tas-Segretarju Eżekuttiv preċedenti.

**Ir-riforma fis-Sistema tal-Infurzar Lokali u t-Tribunal Reġjonali**

Il-President Dr Samuel Azzopardi stieden lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jaġġorna lir-Reġjun bl-iżviluppi li kienu seħħew jew li kienu tħabbru fil-laqgħa li kienet saret fil-kwartieri tal-*Local Enforcement System Agency* (LESA) nhar it-Tlieta 1 ta' Diċembru 2015 dwar is-Sistema l-ġdida tal-Infurzar Lokali, kif ukoll bl-aħħar żviluppi fis-saga dwar l-ingaġġar tar-Registratur tat-Tribunal Reġjonali.

Wara diskussjoni twila fejn is-Segretarju informa lir-Reġjun bl-eżitu tal-laqgħa mal-LESA u kif il-LESA fil-futur qarib kienet ser titlob laqgħa mar-Reġjun fejn ser jiġi diskuss l-irwol tal-LESA peress li għalissa għadu prematur wisq li wieħed jifhem u jispjega b'mod ċar, ir-Reġjun insista li fil-laqgħa importanti li jiġi diskuss id-dejn akkumulat li r-Reġjun għandu kawża tas-Sistema insostenibbli tal-Infurzar Lokali u li suppost mhux ser jibqa' jakkumula wara l-aħħar tas-sena, sabiex jinstab kompromess li ma jikkompromettix il-ħidma la tar-Reġjun u lanqas tal-LESA.

Wara li l-membri ippreċiżaw ukoll li l-Kunsilli Lokali Għawdxin mhu ħa jaċċettaw qatt li jagħmlu tajjeb għad-dejn akkumulat tar-Reġjun, stiednu lis-Segretarju sabiex jaġġornahom dwar l-iżviluppi li kien hemm dwar l-ingaġġar tar-Reġistatur tat-Tribunal Reġjonali.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lir-Reġjun kif proprju dak inhar stess, ir-Reġjun u d-Dipartiment tal-Gvern Lokali kienu irċevew komunikat bid-deċiżjoni tal-ETC li ma issibx oġġezzjoni għat-talba ta' *Transfer of Business and Undertaking* tas-Sinjorina Georgina Gauci, Reġistratur tat-Tribunal Reġġjonali, minn mal-Kumpanija *TOAD Management Services Ltd.* sabiex tiġi ingaġġata bħala impjegata tar-Reġjun Għawdex.

Wara diskussjoni twila fejn is-Segretarju Eżekuttiv spjega kif il-paga tar-Reġistatur tat-Tribunal Reġjonali flimkien mal-ispejjeż amministrattivi tar-Reġjun ser ikunu rifonduti mill-LESA, il-President talab lir-Reġjun sabiex fuq l-ispirtu ta' dak li kien għadu kif ntqal fil-laqgħa u li kien apparentament jidher li hu konformi mal-Liġi, sabiex jiddeċiedi jekk dan l-ingaġġ għandux isir jew le meta r-Reġjun jirċievi l-approvazzjoni mill-ETC li tikkonċedi uffiċċjalment dan l-ingaġġ.

Ir-Reġjun Għawdex iddeċieda li ġaladarba d-Dipartiment tal-Gvern Lokali u l-ETC jagħtu l-approvazzjoni rispettiva tagħhom b'mod uffiċċjali, u jirriżulta li m'għandhom l-ebda diffkulta li r-Reġjun Għawdex jingaġġa lis-Sinjorina Gauci bħala Reġistratur tat-Tribunal Reġjonali fuq bażi *ta' part-time*, l-kuntratt jista' jsir.

## <u>Il-Futur tal-kirja tal-*Garage* li jservi ta' *store* tat-Tribunal Reġjonali</u>

Il-President Dr Samuel Azzopardi stieden lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jaġġorna lir-Reġjun dwar l-aħħar żviluppi li kien hemm dwar il-kuntratt ta' kiri li r-Reġjun kien qiegħed jiret mingħand il-Kumpanija *TOAD Management Services Ltd.* mat-terminazzjoni tal-kuntratt mal-istess kumpanija privata.

Wara spjega interessanti mis-Segretarju fejn infurmahom li ma kienx jeżisti kuntratt ta' kirja bejn sid il-garage li jinsab fix-Xagħra Għawdex ċertu Anthony Borg Caruana u l-Kumpanija *TOAD Management Services Ltd* għas-sempliċi raġuni li l-istess Borg Caruana hu wieħed mis-sidien tal-istess Kumpanija flimkien mas-Sur David Soler; kif ukoll li s-Sur Borg Caruana kien kommess li jħalli l-kirja kif inhi ta' €100 sa' Awwissu 2016 basta jsir ħlas bil' quddiem, ir-Reġjun iddeċieda li ġaladarba kuntratt ma kienx jeżisti, ir-Reġjun mhux marbut li jonora dak il-fethim bil-fors u li għalhekk għandu kull dritt ifittex post alternattiv.

Għalhekk, ir-Reġjun iddeċieda li qabel ma tinħareġ offerta miftuħa għall-privat, ir-Reġjun għandu l-ewwel joħroġ sejħa ta' interess interna fost il-Kunsilli Lokali Għawdxin sabiex jara jekk għandhomx xi lok vakanti għad-dispożizzjoni tagħhom, kif ukoll jekk humiex interessati li jikkruh lir-Reġjun, imbagħad skont l-eżitu tas-sejħa, ir-Reġjun jiddeċiedi jekk għandhux jilħaqq ftehim ma' xi Kunsill Lokali interesat, jew li tinħareġ offerta miftuħa għall-privat jew jinneġozzja mod ieħor ma' sid il-*garage* attwali is-Sur Athony Borg Caruana.

Is-Segretarju informa ukoll lir-Reġjun li s-Sur David Soler kien infurmah li kien lest li jċedi l-*equipment* li attwalment jopera bih it-Tribunal Reġjonali għas-somma ta' €200 li minnhom €100 huma dovuti lill-Kumitat Konġunt ta' Għawdex u li l-€100 l-oħra huma dovuti lill-Kumpanija Relos li tagħha hu kien u għadu s-sid. Is-Segretarju spjega kif fuq instruzzjonijiet mir-Reġjun fil-laqgħa preċedenti, hu kien talab l-*IT Officer* li r-Reġjun normalment jinqeda bih kull meta ikun hemm xi ħsara fl-*equipment* tar-Reġjun sabiex jagħmel l-ispezzjonijiet meħtieġa fuq l-*equipment* li hemm it-Tribunal u jagħti l-opinjoni tiegħu sabiex ir-Reġjun ikun f'pożizzjoni aktar ċara sabiex jevalwa il-proposta imressqa mis-Sur Soler.

Is-Segretarju filwaqt li semma li dan ix-xogħol ta' spezzjonar sar bla ħlas mis-sid tal-Ħanut Right Click, informa lir-Reġjun li l-parir li ingħata kien li b'dak il-prezz l-*equipment* għandu jinxtara. Għalhekk, is-Segretarju informa lir-Reġjun li l-pagamenti dovuti kemm lill-Kumitat Konġunt u lis-Sur Soler huma diġa

elenkati fl-iskeda tal-pagamenti li ser tiġi preżentata għall-approvazzjoni jew mod ieħor aktar tard f'din il-laqgħa u li għalhekk talab lir-Reġjun sabiex jiddeċiedi jekk dan *l-equipment* għandux jinxtara jew le.

Il-membri preżenti qabblu li ġaladarba l-*IT equipment* preżenti għadu f'kundizzjoni tajba kif ukoll qed jintalab prezz ġust, ir-Reġjun ma jsibx oġġezzjoni li dan jinxtara.

**Ittra Legali mill-Kumpanija *TOAD Management Services Ltd***

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri preżenti li r-Reġjun kien irċieva ittra Legali mibgħutha mingħand Sciberras Associates Advocates annom tal-Kumpanija *TOAD Management Services Ltd* fejn ir-Reġjun qiegħed jintalab jersaq għal-likwidazzjoni tad-danni talli r-Reġjun ġie mitlub jittermina l-Kuntratt mal-istess Kumpanija f'Awwissu li għadda. Is-Segretarju wara li assigura lill-membri preżenti li r-Reġjun qatt qabel ma kien irċieva korrispondenza relatata kif tindika l-ittra datata 23 ta' Ottubru 2015, ġie mitlub jaqra l-ittra in kwistjoni.

Wara diskussjoni interessanti fejn ġie maqbul li r-Reġjun għandu jirrispondi l-ittra, ir-Reġjun inkariga lis-Segretarju sabiex jgħaddi l-korrispondenza kollha lill-Dr Georgene Schembri peress li fil-passat ir-Reġjun dejjem inqegħda bis-servizz tagħha, sabiex tirrispondi din l-ittra annom tar-Reġjun.

***Street Lighting Devolution Agreement***

Il-President Dr Samuel Azzopardi fakkar kif wara li kien ġie ffirmat l-Agreement lejn tmiem l-istaġun tas-Sajf, nhar l-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2015, is-Segretarju Parlamentari Dr Stefan Bountempo kien uffiċċjalment għadda r-responsabbiltà tad-dwal tat-toroq lir-Reġjun f'ċerimonja qasira li kienet inżammet fis-sala tal-Kunsill Lokali Għarb fil-preżenza ta' numru sabieħ ta' Sindki Għawdxin.

Il-President filwaqt li semma li mhux kuntent bis-sitwazzjoni preżenti tad-dwal fit-toroq għax f'ċertu postijiet jew hemm nuqqas jew saħansitra hemm iżżejjed dawl milli kien hemm qabel minħabba n-nuqqas ta' kura li ttieħdet meta sar it-tqassim tal-bozoz il-ġodda LED flok SON, spjega kif il-kuntrattur Galea Curmi Engineering ma kienx responsabbli ta' dan li ġara għalkemm kien hu l-kuntrattur li rebaħ l-offerta sabiex jinbiddlu dawn il-bozoz, u informa lir-Reġjun li jħoss li wasal iż-żmien li jibdew jiġu indirizzati dawn l-ilmenti minnufih u għalhekk iħoss li għandha tintalab laqgħa mal-kuntrattur rispettiv.

Wara diskussjoni imqanqla fejn kull membru preżenti wassal l-ilmenti jew suġġerimenti li l-Lokalitajiet Għawdxin qed jirċievu minn numru kbir ta' residenti minħabba d-dawl tal-bozoz il-ġodda, il-President offra li l-aħjar li jsir hu li jitlob laqgħa preliminari mal-kuntrattur sabiex l-ewwel nett jitolbu jagħmel rapport fejn jiġi stabbilit u rakkomondat kif jistgħu jiġu ndirizzati dawk iż-żoni fejn huma mdallma żżejjed l-ewwel u l-ispejjeż li jirrikjedu, kif ukoll sabiex jiġi deċiż meta tintalab il-laqgħa mal-membri tar-Reġjun ġaladarba r-rapport ikun lest.

Il-membri preżenti qabblu mad-deċiżjoni.

Wara, il-membri saqsew lill-President dwar ix-xogħol li l-ħaddiema tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali li kienu ġew mgħoddija lir-Reġjun mad-devoluzzjoni tad-dawl kif kien jistipula l-istess kuntratt, x'kienet il-kariga tagħhom u x'xoġġol kienu ser jingħataw jagħmlu in konnessjoni mad-dwal tat-toroq.

Il-President filwaqt li rrimarka li sa issa qed jingħataw xogħol tar-Reġjun li ma huwiex relatat mad-dwal tat-toroq, issuġġerixxa li r-Reġjun jitlob direttiva mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar x'għandu jkun ix-xogħol li dawn il-ħaddiema għandhom jibdew jagħmlu sabiex ir-Reġjun ikun aktar f'pożizzjoni komda li jħaddimhon skont l-esiġenza tas-servizz.

Għalhekk, il-membri preżenti inkarigaw lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jibgħat ittra lid-Direttur tad-Dipartiment għal Gvern Lokali fejn jintalab jiċċara dawn l-affarijiet għall-aħjar interess ta' kull min hu involut.

**Talba għall-installazzjoni ta' CCTV camera mill-Kunsill Lokali Rabat – Città Victoria**

Il-President Dr Samuel Azzopardi nforma lir-Reġjun li l-Kunsill Lokali Rabat – Città Victoria kien bagħat korrispondenza fejn qiegħed jitlob li r-Reġjun japprova jew mod ieħor l-installazzjoni ta' *CCTV Cameras* sabiex jissorveljaw partijiet minn Pjazza l-Assedju ta' Għawdex, fir-Rabat Għawdex minħabba li qiegħed

jiġi rapurtat rimi ta' skart illegali. Għalhekk, il-President iddikkjara kunflitt ta' interess Sindakali u talab li jirtira mis-Sala.

Is-Segretarju Eżekuttiv irrimarka li bl-assenza tal-President mhux ser ikun hemm kworum u għalhekk ma tistax tittieħed deċiżjoni.

Għaldaqstant, ir-Reġjun iddeċieda li din il-materja għandha tiġi diskussa fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss kemm-il darba ikun hemm kworum.

**Parteċipazzjoni Annwali fil-*Festival des Lycéens et Apprentis – European Orchesta – Région Aquitane.***

Il-President Dr Samuel Azzopardi informa lill-membri li għal darb'oħra r-Reġjun Għawdex kien ġie mistieden jipparteċipa bħala sħab fil-proġett fil-*Festival des Lycéens et Apprentis – European Orchesta – Région Aquitane.*

Wara diskussjoni interessanti fejn numru ta' membri esprimew l-importanza tal-parteċipazzjoni ta' studenti promettenti fil-qasam mużikali Għawdxin f'dan l-avveniment annwali uniku fejn numru ta' mużiċisti żgħażagħ minn Reġjuni differenti tal- Ewropa, jingħaqdu sabiex jiffurmaw l-*European Youth Orchestra*, ir-Reġjun iddeċieda li jipparteċipa u li għandu jerġa' jinħatar s-Surmast Mark Gauci sabiex jagħmel l-*auditions* biex eventwalmwnt jintgħażlu l-mużiċisti żgħażagħ li ser jirrappreżentaw lir-Reġjun Għawdex f'Mejju 2016 ġewwa Aquitane fi Franza.

Ir-Reġjun inkariga lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jinforma minnufih b'dan lis-Surmast Gauci, filwaqt li l-President talab li jixtieq jagħmel laqgħa mal-istess Surmast sabiex wieħed jiddiskuti l-proċess tal-għażla kif ser isir.

**Sottomissjoni ta' Erba' Applikazzjonijiet mill-Aġenzija Pubblika MIEMA f'isem ir-Reġjun Għawdex għall-proġetti ko-finanzjati mill-Fondi tal-Unjoni Ewropea**

Il-President Dr Samuel Azzopardi informa lill-membri preżenti li wara li fil-laqgħa preċedenti r-Reġjun kien approva li jipparteċipa bi sħab mal-Aġenzija Pubblika *Malta Intelligent Energy Management Agency* (MIEMA) f'numru ta' Proġetti ko-finanzjati mill-Unjoni Ewropea, bi pjaċir ħabbar li din l-Aġenzija għadha kif issottomettiet erba' applikazzjonijet f'isem r-Reġjun Għawdex għall-proġetti ko-finanzjati mill-Unjoni Ewropea u li għadhom qegħdin jistennew risposta jekk ġewx aċċettati jew mod ieħor.

L-aħbar intalqet b'applaws mill-membri preżenti filwaqt li awguraw kull suċċess għal dawn il-proġetti ta' fejda fil-qasam tat-Turiżmu kif ukoll fill-produzzjoni tal-energija rinovabbli ġewwa Għawdex.

Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Ġorġ Refalo b'dispjaċir informa lir-Reġjun li għadu ma rċieva l-ebda risposta mingħand il-*Gozo Action Group* dwar il-proposta tar-Reġjun Għawdex li ssir laqgħa preliminari mal-Grupp kif kien propost u deċiż fil-laqgħa preċedenti

Minħabba f'hekk is-Segretarju Eżekuttiv ġie mistieden jikkuntattja lill-*Gozo Acton Group* sabiex din il-laqgħa preliminari tintalab mill-aktar fis possibbli.

***Post Mortem* Jum Għawdex 2015**

Il-President Dr Samuel Azzopardi beda billi fakkar kif minkejja li din is-sena kienu għadhom għaddejjin ix-xogħolijiet ta' tisbieħ kemm fi Pjazza Indipendenza – It-Tokk kif ukoll fil-madwar taċ-Cittadella ta' Għawdex, Jum Għawdex reġa ġie imfakkar b'mod dinjituż grazzi għall-kollaborazzjoni ta' ħafna nies b'mod partikulari tas-Sotto-Kumitat Ċelebrazzjonijiet Jum Għawdex 2015 li kien ġie ffurmat apposta u li għal darb'oħra rnexxielu jorganizza programm imżewwaq li għalkemm kien limitat kien sabieħ ħafna u ta' kwalità għolja ħafna b'mod speċjali bil-kunċert mużikali li ttella minn pjanista u Sopran Taljani ta' fama internazzjonali, li grazzi għall-intervent ta' Ms Rosette Fenech, *Cultural Advisor* tal-President tar-Repubblika ta' Malta, il-kunċert li kien ittella' fil-Palazz tal-President ġurnata qabel, reġa ġie repetut f'Għawdex proprju għall-okkażjoni ta' Jum Għawdex 2015.

Il-President filwaqt li ta rendikont dettaljat ta' kemm ġew jiswew l-attivitajiet kollha li din is-sena kienu ttellgħu bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet ta' Jum Għawdex u li laħħqu b'kollox is-somma ta' €2937.90ċ, spjega kif ir-Reġjun minkejja d-diffikultajiet finanzjarji li għandu, seta' xorta waħda jiċċelebra Jum Għawdex grazzi għall-iskema ta' Attivitajiet Kulturali li ta' kull sena jniedi d-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

Il-President filwaqt li informa lill-membri preżenti kif ir-Reġjun diga' applika għal aktar fondi sabiex ikun jista' jiġi ċelebrat Jum Għawdex 2016 b'mod dinjituż, talab sabiex aktar membri jitħajjru jiffurmaw parti mill-Kumitat Ċelebrazzjonijiet Jum Għawdex 2016 li kien ser jiġi propost fuq l-Aġenda.

## Ħatra tas-Sotto-Kumitat Ċelebrazzjonijiet Jum Għawdex 2016

Il-President Dr Samuel Azzopardi filwaqt li reġa nsista li għandu jinħatar Sotto-Kumitat kompost min-numru ta' membri tar-Reġjun sabiex jikkoordina u jfassal program ta' attivitajiet li ser jittellgħu apposta sabiex jikkomemoraw Jum Għawdex 2016, innota li n-numru ta' membri preżenti għal-laqgħa ma kienx numeruż daqs kemm wieħed xtaq u għalhekk talab lis-Segretarju sabiex din il-materja terġa tiġi diskussa fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss kemm-il darba ikun hemm preżenza aktar qawwija ta' membri.

## Interess dwar Applikazzjoni għall-Proġett *'Europe for Citizens'*

Il-President Dr Samuel Azzopardi beda billi informa lill-membri li għadu kif ġie imniedi l-programm *Europe for Citizens 2014 – 2020* bil-għan li jerġa jikkontribwixxi sabiex iċ-ċittadini Ewropej jifhmu aktar x'inhi l-Unjoni Ewropea, l-istorja rikka tagħha kif ukoll l-istess diversita' tagħha li l-aktar tispikka f'kull element tagħha bil-għan aħħari li jiġu promossi l-paċi dejjiema fost il-popli kollha kif ukoll sabiex tinkoraġġixxi il-parteċipazzjoni demokratika u dik ċivili fi ħdan l-istess Unjoni bil-għan li jgħinu liċ-ċittadini jgħarrfu aktar x'inhuma d-drittijiet tagħhom u allura s-sens ta' Identità Ewropea. Hu kompla billi spjega kif dan il-programm hu miftuħ għal ħafna setturi varji tas-Soċjetà li jvarjaw minn Entitajiet u Awtoritajiet Lokali sa NGO's u organizzazzjonijiet volontarji oħra bl-iskop li jressqu lil kulħadd flimkien sabiex jiddiskutu u jaqsmu flimkien esperjenzi u valuri li jgħaqqduhom u jippromwovu l-ispirtu ta' għaqda dejjiema.

Il-President filwaqt li stieden lill-membri preżenti sabiex jieħdu kopja ta' dan il-programm, elenka iż-żewġ temi prinċipali ta' dan il-Proġett filwaqt li wera x-xewqa li r-Reġjun Għawdex jipparteċipa f'wieħed mill-proġetti proposti. Għalhekk, stieden lill-membri kollha preżenti sabiex jibdew jaħsbu kif ir-Reġjun jista' jipparteċipa f'dan il-programm u talabhom sabiex f'laqgħa oħra tiġi diskussa din il-parteċipazzjoni fid-dettall sabiex din l-opportunità issir realtà.

## Korrispondenza

Stedina u programm mingħand il-President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward il-Bdil ta' Awguri tas-Sena 2016 mal-Għola Awtoritajiet ta' dan il-pajjiż li ser isir nhar il-Ħamis 31 ta' Diċembru 2015 bejn l-erbgħa u s-sitta ta' filgħaxija fil-postijiet kif elenkati fl-istess program - Ir-Reġjun innota l-kontenut.

Stedina mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali lill-President tar-Reġjun u l-membri kollha u il-mistednin tagħhom dwar l-Invit li bagħtet l-Orkestra Filarmonika ta' Malta għall-kunċert tas-Sena l-Ġdida li ser isir nhar il-Ħadd 3 ta' Jannar 2016 f'Dar il-Mediterran għal Konferenzi - Ir-Reġjun innota l-kontenut.

## Approvazzjoni tal-Pagamenti

Il-President Dr Samuel Azzopardi talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jagħti spjega tal-pagamenti li kienu qegħdin jiġi preżentati lir-Reġjun għall-approvazzjoni.

Wara l-ispjega sodisfaċenti li ngħatat mis-Segretarju Eżekuttiv fejn ġie imfisser kull ħlas rispettiv, ir-Reġjun approva l-iskeda tal-pagamaneti nru 38 li tammonta għal €82,056.26ċ kif annessa mal-minuti.

**Materji Oħra**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lir-Reġjun li numru ta' Sindki kienu qed jitolbu sabiex f'din il-laqgħa jiġi diskuss il-futur tal-*pass* maħruġ lilhom mill-Kumpanija *Gozo Channel* li jippermetti lis-Sindki sabiex imorru Malta mingħajr ħlas u li qed jissemma li dan ser jiġi rtirat. Wara diskussjoni twila, is-Sur Joe Cordina fil-kapaċità tiegħu ta' *Chairman* tal-istess Kumpanija assigura lir-Reġjun li dak li intqal fil-*media* huma kollha qlajjiet infondati u li sakemm ma' jkun hemm xejn uffiċċjali, dan il-*pass* ser jibqa' jinħareġ kif dejjem sar s'issa.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tar-Reġjun applikazzjoni sabiex 96 siegħa mill-*Vacation Leave* tiegħu għas-sena 2015 jiġi trasferit għas-sena 2016. Wara li s-Segretarju Eżekuttiv spjega kif ma rnexxilux jieħu l-*Vacation Leave* intitolat għalih fl-2015 minħabba li hu l-uniku impjegat fl-Uffiċċju tar-Reġjun kif ukoll minħabba l-volum ta' xogħol li għandu u li wiret tant li mhux biss qiegħed jitlob li jittrasferixxi 96 siegħa għas-sena 2016 imma qiegħed saħansitra joffri 87 siegħa oħra f'Donazzjoni f'Fond ta' *Vacation Leave* imwaqqaf apposta għall-ħaddiema taċ-Ċivil , stieden lill-membri preżenti sabiex japprovaw jew mod ieħor l-applikazzjoni tiegħu sabiex ikun jista' jinforma b'dan lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Ir-Reġjun approva t-trasferiment ta' 96 siegħa *Vacation Leave* għas-sena 2016 lis-Sur George Refalo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex filwaqt li fakkru li t-teħid tal-*Vacation Leave* mill-ħaddiema hu dritt li għandu jiġi imħares u osservat u mhux traskurat.

Il-President Dr Samuel Azzopardi informa lir-Reġjun li l-*Gozo Business Chamber* kienet uriet ix-xewqa li wara l-laqgħa tar-Reġjun tagħti preżentazzjoni dwar il-Proġett ta' Mina bejn Għawdex u Malta sabiex ir-Reġjun ikun infurmat dwar dan il-proġett u r-riżultati mogħtija liċ-*Chamber* minn tal-bidu nett. Għalhekk il-President stieden lill-membri kollha sabiex jipproċedu għas-sala ta' barra għal din il-preżentazzjoni.

Qabel ma ġiet fi tmiemha l-laqgħa, il-President Dr Samuel Azzopardi f'ismu u f'isem r-Reġjun Għawdex wassal l-Awgurju tas-sena t-Tajba mimlija imħabba, hena, riżq u saħħa lill-membri preżenti u dawk assenti, lill-Familji tagħhom u lill-sħabhom il-membri tal-Kunsill u l-ħaddiema kollha tiegħu.

Il-laqgħa ntemmet fis-7.45 p.m. u ġiet aġġornata *sine die*.

Dr. Samuel Azzopardi
President

George Refalo
Segretarju Eżekuttiv